DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/711

tat-18 ta' April 2017

dwar talba għal deroga mir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja skont l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità

(notifikata bid-dokument C(2017) 2371)

(It-testi bid-Daniż u bil-Ġermaniż huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri li joperaw lejn jew minn portijiet tal-Istati Membri tal-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 98/41/KE għandha l-għan li ttejjeb is-sikurezza u l-possibbiltajiet ta' salvataġġ tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġi abbord il-vapuri tal-passiġġieri u li tiżgura li t-tfittix u s-salvataġġ u l-konsegwenzi ta' kull inċident ikunu jistgħu jiġi ttrattati b'mod aktar effettiv.

(2) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 98/41/KE jeżiġi li trid tiġi reġistrata ċerta informazzjoni dwar kull vapur tal-passiġġieri li jitlaq minn port li jinsab fi Stat Membru biex jagħmel vjaġġ ta' aktar minn għoxrin mil mill-punt tat-tluq.

(3) Skont l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 98/41/KE, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni għal deroga minn dan ir-rekwiżit.

(4) B'ittra tad-29 ta' Settembru 2015, ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ttrażmettew lill-Kummissjoni talba għal deroga mir-rekwiżit li jirreġistraw l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 98/41/KE fejn jidħlu persuni li jbaħħru abbord il-vapuri kollha tal-passiġġieri li jivvjaġġaw fuq dawn ir-rotta Rostock — Gedser u vice versa.

(5) Fil-5 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni talbet informazzjoni supplimentari mingħand ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja biex tkun tista' tivvaluta t-talba. Fil-25 ta' Mejju 2016, ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ppreżentaw it-tweġiba tagħhom.

(6) Il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-EMSA, ivvalutat it-talba għal deroga abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha.

(7) Ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja taw l-informazzjoni li ġejja: (1) il-probabbiltà annwali li l-għoli sinifikattiv tal-mewġ jaqbeż iż-żewġ metri hija inqas minn 10 % fir-rotot identifikati; (2) il-vapuri li d-deroga tapplika għalihom ibaħħru b'servizz regolari; (3) il-vjaġġi ma jaqbżux it-tletin mil mill-punt tat-tluq; (4) iż-żona tal-baħar fejn ibaħħru l-vapuri tal-passiġġieri għandha sistemi ta' gwida tan-navigazzjoni bbażati fuq il-kosta, servizzi affidabbli ta' tbassir tat-temp u faċilitajiet xierqa u sufiċjenti għat-tiftix u s-salvataġġ; (5) il-profil tal-vjaġġ u l-iskeda tal-vjaġġi mhumiex kompatibbli mar-reġistrazzjoni tad-dettalji tal-passiġġier b'mod sinkronizzat mat-trasport fuq l-art; u (6) it-talba għal deroga ma jkollha l-ebda effett negattiv fuq il-kompetizzjoni.

(8) L-eżitu aħħari tal-valutazzjoni juri li l-kundizzjonijiet kollha għall-approvazzjoni tad-deroga ġew issodisfati.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti,

[1] ĠU L 188, 2.7.1998, p. 35.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-talba għal deroga mir-Renju tad-Danimarka u mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja skont l-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 98/41/KE fejn tidħol ir-reġistrazzjoni tal-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 5(1) ta' din id-Direttiva għal persuni abbord il-vapuri kollha tal-passiġġieri li jbaħħru b'servizz regolari fuq ir-rotta Rostock — Gedser u vice versa, b'dan qed tiġi approvata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzati lir-Renju tad-Danimarka u lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni
Violeta BULC
Membru tal-Kummissjoni